

## IL-QORTI ĠENERALI

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Marzu 2016 – Karl-May-Verlag vs UASI – Constantin Film Produktion (WINNETOU)**

(Kawża T-501/13) <sup>(1)</sup>

**“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark Komunitarja verbali WINNETOU — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Artikolu 52(1) u (2) tar-Regolament Nru 207/2009 — Prinċipji ta' awtonomija u ta' indipendenza tat-trade mark Komunitarja — Obbligu ta' motivazzjoni”**

(2016/C 156/42)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

**Rikorrenti:** Karl-May-Verlag GmbH, li kienet Karl May Verwaltungs- und Vertriebs- GmbH (Bamberg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: M. Pejman u M. Brenner, avukati)

**Konvenut:** L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: inizjalment minn A. Pohlmann, sussegwentement minn M. Fischer, aġenti)

**Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:** Constantin Film Produktion GmbH (Munich, il-Ġermanja) (rappreżentanti: P. Baronikians u S. Schmidt, avukati)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tad-9 ta' Lulju 2013 (Każ R 125/2012-1) dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Constantin Film Produktion GmbH u Karl-May Verwaltungs- und Vertriebs- GmbH.

### Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tad-9 ta' Lulju 2013 (Każ R 125/2012-1) hija annullata sa fejn din laqgħet it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità.
- 2) L-UASI huwa kkundannat li jbati, minbarra l-ispejjeż tiegħu, l-ispejjeż sostnuti minn Karl-May-Verlag GmbH.
- 3) Constantin Film Produktion GmbH għandha tbatli l-ispejjeż tagħha.

<sup>(1)</sup> ĠU C 336, 16.11.2013.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Marzu 2016 – Nezi vs UASI – Etam (E)**

(Kawża T-645/13) <sup>(1)</sup>

**“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Trade mark Komunitarja figurattiva E — Trade mark Komunitarja figurattiva preċedenti E — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Reputazzjoni — Artikolu 8(1)(b) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”**

(2016/C 156/43)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

### Partijiet

**Rikorrenti:** Evcharis Nezi (Mykonos, il-Greċja) (rappreżentant: A. Salkitzoglou, avukat)